


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Il-qorti Ta' Liema Pajjiż Hija Responsabbli?](#) > [Bulgaria](#)

Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?

 Bulgarija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Fil-proċedimenti ċivili, il-qorti ordinarji jeżaminaw u jieħdu deċiżjonijiet dwar tilwim u kwistjonijiet legali oħrajn li jirriżultaw minn relazzjonijiet fid-dritt ċivili (l-Artikolu 14(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Grazhdanski protsesualen kodeks) (GPK)). Xi qorti provinċjali kbar għandhom taqsimiet kummerċjali awtonomi, separati mit-taqsimiet kriminali u ċivili.

L-azzjonijiet għal indennizz ikkawżat lil individwi jew persuni ġuridiċi minn atti, azzjonijiet jew ommissjonijiet illegali ta' awtoritajiet eżekuttivi u l-uffiċjali tagħhom matul jew b'rabta mal-eżekuzzjoni ta' attivitajiet amministrattivi huma eċċezzjoni għal din ir-regola. Kawżi bħal dawn huma koperti mill-ġuriżdizzjoni inizjali tal-qorti amministrattivi, li jismgħu l-kawżi amministrattivi kollha li jikkonċernaw il-ħruġ, il-modifika, ir-revoka jew l-annullament ta' atti amministrattivi u ta' kuntratti amministrattivi u l-protezzjoni minn atti u ommissjonijiet illeċiti tal-amministrazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' kawżi koperti mill-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Amministrattiva Suprema (Varhoven administrativen sad). Ma ġiet stabbilita l-ebda qorti speċjalizzata oħra fil-qasam tad-dritt ċivili.

Skont il-liġi Bulgara, vittma ta' reat tista' tiftaħ kawża għal indennizz għad-dannu imġarrab kemm skont il-proċedura ċivili kif ukoll skont il-proċedimenti kriminali mibdija kontra l-akkużat. Azzjoni ċivili fi proċedimenti kriminali tista' titressaq kemm kontra l-akkużat kif ukoll kontra persuni oħrajn li jgħorru r-responsabbiltà ċivili għad-dannu kkawżat mir-reat. Wieheċ għandu jżomm f'moħħu li l-qorti tista' tirrifjuta li teżamina l-azzjoni ċivili fil-proċedimenti kriminali. F'tali każ, il-vittma tista' tiftaħ kawża u tasserixxi d-drittijiet tagħha skont il-proċedura standard tad-dritt ċivili.

2 Meta l-qorti ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qorti responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

2.1 Issir distinzjoni bejn il-qorti ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qorti distrettwali bħala qorti inferjuri u qorti reġjonali bħala qorti superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Il-qorti distrettwali (rayonen sad) hija l-qorti prinċipali b'ġuriżdizzjoni inizjali fuq kawżi ċivili li ma jkunux koperti mill-ġuriżdizzjoni inizjali ta' qorti provinċjali (okrazhen sad) (l-Artikolu 103 tal-GPK).

Skont l-Artikolu 104 tal-GPK, il-qorti provinċjali għandhom ġuriżdizzjoni inizjali fuq:

konstatazzjoni jew kontestazzjoni tar-rabta ta' filjazzjoni, ir-revoka ta' adozzjoni, it-tqegħid taħt interdizzjoni jew ir-revoka tagħha;

is-sjieda ta' drittijiet in rem fuq proprjetà jekk il-valur tat-talba tkun taqbeż il-BGN 50 000,

tilwima ċivili jew kummerċjali fuq somma ta' iktar minn BGN 25 000 (sakemm it-tilwima ma tkunx tikkonċerna ħlasijiet ta' manteniment, talba skont il-liġi industrijali jew l-irkupru ta' nfiq mhux awtorizzat),

reġistrazzjoni ta' kumpanija inammissibbli, nulla jew skorretta li l-liġi tistipula li l-qrati provinċjali jkollhom il-ġuriżdzjoni inizjali;

talbiet, irrispettivament mill-valur tagħhom, magħquda f'rikors wieħed fil-ġuriżdzjoni ta' qorti provinċjali, jekk ikunu jridu jiġu eżaminati bl-istess proċedura;

tilwima suġġetta għall-eżami minn qorti provinċjali skont leġiżlazzjoni oħra.

Skont l-Att dwar il-Kummerċ (Targovski Zakon), il-kawżi miftuħa skont l-Att biex tiddefendi d-drittijiet ta' soċju ta' kumpanija, tikkontesta deċiżjoni tal-azzjonisti ta' kumpanija, tikseb il-kanċellazzjoni tal-inkorporazzjoni ta' kumpanija, tikseb l-għeluq ta' kumpanija jew tiftaħ proċedimenti ta' insolvenza, jiġu eżaminati mill-qorti provinċjali bil-ġuriżdzjoni tal-post tal-kummerċ irreġistrat tal-kumpanija. Il-qorti kompetenti tal-insolvenza hija l-qorti provinċjali bil-ġuriżdzjoni fuq iż-żona fejn in-negozjant ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fil-mument tar-rikors biex jinfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza.

Il-qrati amministrattivi għandhom il-ġuriżdzjoni inizjali fuq kawżi għal indennizz għal danni kkawżati minn strumenti, atti jew ommissjonijiet illegali tal-awtoritajiet u l-uffiċjali amministrattivi.

Kawża ċivili ppreżentata fi proċedimenti kriminali tiġi eżaminata mill-qorti bil-ġuriżdzjoni fuq ir-reat kriminali mwettaq.

2.2 Ġuriżdzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġuriżdzjoni territorjali

Il-kawżi għandhom jinfetħu fil-qorti li jkollha l-ġuriżdzjoni fid-distrett (rayon) fejn ikun residenti l-konvenut jew fejn ikollu l-post ta' kummerċ irreġistrat jew l-uffiċċju prinċipali tiegħu.

Il-kawżi kontra persuni ġuridiċi jridu jinfetħu quddiem il-qorti bil-ġuriżdzjoni fuq l-uffiċċju reġistrat tagħhom. F'tilwimiet li jirriżultaw minn relazzjonijiet diretti ma' taqsimiet jew fergħat ta' persuni ġuridiċi, il-kawżi jistgħu alternattivament jinfetħu quddiem il-qorti li teżerċita l-ġuriżdzjoni fuq il-post ta' dawk it-taqsimiet jew fergħat.

Il-kawżi kontra l-Istat u l-istituzzjonijiet tal-gvern, inklużi t-taqsimiet u l-fergħat tagħhom, iridu jittressqu quddiem il-qorti bil-ġuriżdzjoni tal-post fejn bdiet ir-relazzjoni legali li hija l-bażi tat-tilwima. Meta din ir-relazzjoni legali tkun ġiet ifformata barra l-pajjiż, il-kawża trid tinfetaħ quddiem il-qorti kompetenti f'Sofija.

Kawża kontra xi ħadd mingħajr indirizz magħruf trid tinfetaħ fil-qorti li jkollha l-ġuriżdzjoni fuq il-post ta' residenza tal-avukat jew tar-rappreżentant legali tiegħu jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq il-post ta' residenza tal-attur. Dan japplika wkoll f'każ li l-konvenut ma jkunx residenti l-Bulgarija. Jekk lanqas l-attur ma jkun residenti l-Bulgarija, il-kawża trid tinfetaħ quddiem il-qorti kompetenti f'Sofija.

Il-kawżi kontra minuri jew xi ħadd mingħajr kapaċità ġuridika jridu jinfetħu fil-qorti bil-ġuriżdzjoni fuq il-post tar-residenza tar-rappreżentant legali tagħhom.

Kawżi dwar wirt, l-irtirar sħiħ jew parzjali ta' testment, il-qasma tal-wirt jew il-kanċellazzjoni ta' qasma volontarja, iridu jinfetħu skont il-post fejn infetaħ it-testment. Jekk il-mejjet ikun ċittadin Bulgaru, imma t-testment ikun infetaħ f'pajjiż għajr il-Bulgarija, il-kawża trid tinfetaħ jew fil-qorti bil-ġuriżdzjoni fuq l-aħħar post ta' residenza Bulgara tal-mejjet, jew fuq il-post fejn ikunu jinsabu l-beni tiegħu.

2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?

Kawża biex issir talba finanzjarja tajba bbażata fuq kuntratt tista' tinfetaħ fil-qorti bil-ġuriżdizzjoni fuq il-post attwali tar-residenza tal-konvenut.

It-talbiet ta' manteniment jistgħu jiġu ppreżentati wkoll quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post ta' residenza tal-attur.

Il-ħaddiema jistgħu jiftħu kawża kontra min iħaddimhom fil-post abitwali tax-xogħol tagħhom.

Tilwim skont il-liġi industrijali bejn barranin, kumpaniji jew impriżi konġunti li għandhom il-post ta' kummerċ irregiſtrat tagħhom fil-Bulgarija minn naħa u impjegati barranin li jaħdmu magħhom fil-Bulgarija min-naħa l-oħra, huma taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qorti fil-post ta' kummerċ irregiſtrat tal-impjegatur, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor.

Tilwim dwar il-liġi industrijali bejn impjegati b'ċittadinanza Bulgara li jaħdmu barra l-pajjiż għal impjegaturi Bulgari jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qorti ta' Sofija jekk il-kawża tinfetaħ kontra l-impjegatur, u tal-qorti tar-residenza Bulgara tal-impjegat jekk il-kawża tkun kontra l-impjegat.

Kawża għal dannu inġust tista' tinfetaħ quddiem il-qorti ta' fejn ikun seħħ id-dannu.

Kawża kontra konvenuti minn distretti ġudizzjarji differenti jew li tikkonċerna proprjetà mifruxa fuq iktar minn distrett ġudizzjarju wieħed tista' tinfetaħ quddiem il-qorti tal-għażla tal-attur f'wieħed minn dawk id-distretti.

2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?

Kawżi li jikkonċernaw drittijiet *in rem* fuq proprjetà, id-diviżjoni ta' koproprietà jew l-istituzzjoni ta' konfini jew ir-riistituzzjoni tad-drittijiet ta' sjieda fuq proprjetà immobbli, iridu jinfetħu fil-qorti ta' fejn tinsab il-proprjetà. Kawżi li jikkonċernaw att pubbliku li jikkonferma drittijiet reali fi proprjetà jew bl-għan tar-riżoluzzjoni, ix-xoljiment jew l-annullament ta' att ta' proprjetà immobbli jrid jiġi ppreżentat ukoll quddiem il-qorti bil-ġuriżdizzjoni fuq il-proprjetà.

Il-kawżi minn konsumaturi u kontrihom iridu jitressqu quddiem il-qorti bil-ġuriżdizzjoni fuq l-indirizz tal-konsumatur fil-preżent, u jekk ma jkunx hemm indirizz fil-preżent, fuq l-indirizz permanenti tal-konsumatur.

Kawżi għal kumpens skont il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni (Kodeks za zastrahovaneto) mibdija mill-persuna offiċja kontra assigurat, il-Fond ta' Garanzija (Garantsionen fond) u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Assigurat Bulgari tal-Vetturi bil-Mutur (Natsionalno byuro na balgarskite avtomobilni zastrahovатели) iridu jinfetħu fil-qorti bil-ġuriżdizzjoni fuq il-post jinsab l-indirizz permanenti jew l-uffiċċju rregiſtrat tal-attur meta jkun seħħ l-avveniment assigurat jew fuq il-post fejn seħħ l-avveniment assigurat.

Kawża għal kumpens għal dannu li jirriżulta minn reat kriminali jrid jiġi ppreżentat għal eżami simultanju fil-proċedimenti kriminali mal-qorti li jkollha l-akkuża kriminali quddiemha.

2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġuriżdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?

Fil-prinċipju, ġuriżdizzjoni determinata mil-liġi ma tistax tiġi riassenjata bi qbil bejn il-partijiet.

Madankollu, il-partijiet f'tilwima ta' proprjetà jistgħu jaqblu li ma japplikawx ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni territorjali billi jiffirmaw ftehim li jikkonferixxi l-ġuriżdizzjoni lil qorti partikolari. Madankollu, dan mhux possibbli meta l-kawża tkun dwar drittijiet *in rem* ta' koproprietà, l-istituzzjoni ta' konfini jew ir-riistituzzjoni tad-drittijiet ta' sjieda fuq proprjetà immobbli, att pubbliku li jikkonferma drittijiet *in rem* fuq proprjetà jew bl-għan tar-riżoluzzjoni, ix-xoljiment jew l-annullament ta' att ta' proprjetà immobbli, u f'dak il-każ il-liġi tiddetermina liema qorti jkollha l-ġuriżdizzjoni territorjali.

F'kawżi li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-konsumatur jew il-liġi industrijali, il-ftehimiet bejn il-partijiet dwar liema qorti jkollha l-ġuriżdizzjoni huma validi biss jekk ikunu ffirmati wara li tkun qamet it-tilwima.

Il-partijiet f'tilwima dwar proprjetà jistgħu jaqblu li jsolvu l-kwistjoni bl-arbitraġġ, sakemm ma tkunx tikkonċerna drittijiet *in rem* jew proprjetà immobbli, il-ħlasijiet ta' manteniment jew il-liġi industrijali. Sabiex jinfetħu proċedimenti ta' arbitraġġ, il-partijiet involuti kollha jridu jikkonkludu ftehim proċedurali speċjali (arbitrazhno

sporazumenie jew ftehim ta' arbitraġġ). Il-qorti tal-arbitraġġ tista' tuża kull sors rilevanti ta' dritt internazzjonali u sors Bulgaru speċifiku: l-Att dwar it-Tilwim Kummerċjali Internazzjonali (Zakon za mezhdunarodniya targovski arbitrazh).

Skont l-Att dwar it-Tilwim Kummerċjali Internazzjonali, ftehim ta' arbitraġġ ifisser li l-partijiet kollha involuti jitolbu li qorti tal-arbitraġġ issolvi t-tilwim kollu li jista' jinqala' jew li nqala' bejniethom jew parti minnu f'relazzjoni kuntrattwali jew nonkuntrattwali. Il-ftehim jista' jieħu l-forma ta' klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt ieħor jew ta' ftehim separat. Ftehim ta' arbitraġġ irid ikun bil-miktub. Qorti tal-arbitraġġ tista' tkun istituzzjoni permanenti jew tista' tinħoloq biex tiġi solvuta tilwima partikolari. Qorti tal-arbitraġġ jista' jkollha s-sede barra mill-Bulgarija jekk waħda mill-partijiet tkun normalment ibbażata barra mill-Bulgarija, ikollha l-post ta' kummerċ hemmhekk skont l-istatuti tagħha jew ikollha l-maniġment ċentrali tagħha hemmhekk.

3 Meta l-ġuriżdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?

L-uniċi qrati speċjalizzati fil-Bulgarija b'ġuriżdizzjoni fuq it-tilwimiet fid-dritt ċivili huma l-qrati amministrattivi.

Kawżi kontra l-awtoritajiet eżekuttivi għal indennizz jistgħu jittressqu quddiem il-qorti amministrattiva bil-ġuriżdizzjoni tal-post fejn ikun seħħ id-dannu jew tal-indirizz jew l-uffiċċju rreġistrat fil-preżent tal-parti offiża, u meta azzjonijiet ta' dan it-tip jingħaqdu ma' kontestazzjoni tal-att amministrattiv innifsu, dawn iridu jiġu ppreżentati quddiem il-qorti bil-ġuriżdizzjoni fuq l-indirizz jew l-uffiċċju rreġistrat tal-appellant (l-Artikolu 133(5) tal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva (Administrativno protsesualen kodeks)).

Il-ġuriżdizzjoni tal-kawżi amministrattivi kollha hija tal-qrati amministrattivi, ħlief dawk li huma taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Amministrattiva Suprema. Il-Qorti Amministrattiva Suprema għandha ġuriżdizzjoni inizjali fuq kontestazzjonijiet ta': regolament maħruġ minn awtorità pubblika li mhux kunsill muniċipali, regolament maħruġ mill-Kunsill tal-Ministri, mill-Prim Ministru, mill-Viċi Prim Ministru jew Ministru, deċiżjoni tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, regolament maħruġ mill-Bank Nazzjonali Bulgaru jew kull regolament ieħor li l-liġi tistipula li l-ġuriżdizzjoni inizjali fuqhom hija tal-Qorti Amministrattiva Suprema.

L-aħħar aġġornament: 10/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.